CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 09

It- Tnejn, 20 ta' Jannar 2020

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Vici Sindku
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Mary Ann Sultana- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.08pm.

## 09.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

09.1.1 Il-Kunsilliera Maryann Sultana infurmat li- SE li ma setatx tattendi minħabba li kienet indisposta. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

## 09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

09.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tmien Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

09.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

09.3.1 Is- Sindku talab lis- SE biex tintbgħat notifika lir- Reġjun Tramuntana fejn tfakkarhom fl-ittra li ntbgħatet lilhom fis- 6 ta' Diċembru 2019 fir-rigward tal-kont li ntbgħat mill-ARMS lill- Kunsill għas- CCTV li jinstab barra l-Mdina li mhix propjeta tagħna.. F'kaz li ma jkollnix risposta, inqabdu l-avukat biex il-flus jiġu depozitati il-qorti.

09.3.2 Is- Sindku talab li l-fencing mkisser li hemm madwar Howard Gardens għandu jinbidel u naraw insibux mezz li dawn jiġu msaħħa b'tali mod li nevitaw li jsiru xi vendikazzjonijiet fuqhom kif qed isir ta' spiss sfortunatament. Għaldaqstant ser inkellmu lil ġardinar tal-Kunsill biex jara x'jista jsir.

09.3.3 Is- Sindku talab lis- SE biex jikteb u jitlob laqgħa mal-Ministru tat-Turizmu biex jiddiskutu kif wieħed jista' jikkollabora biex inkomplu nsebbħu l-Mdina.

09.3.4 Is- Sindku talab li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill biex jiddiskutu l-applikazzjoni ma' l-Awtorita' ta' L-Ippjannar għat-tisbieħ tal-playinfield.

09.3.5 Is- Sindku infuma lill-Kunsill li s- Sur Harkins li kien għamel xogħol ta' security fuq insistenza tal-Kunsill waqt il-Malta Food Festival għadu sa' llum ma tħallas mill-organizzaturi. Huwa talab li tintbgħat twissija lill-kumpanija biex tħallas u talab lis- SE li fil-laqgħa li jmiss jinfurma lill-Kunsill bl-ezitu.

09.3.5 Is- Sindku talab lis- SE biex ssir laqgħa ma' TM fuq is- suġġett tal-Bye- Law li jirrigwarda l-*Animal Drawn Carriages* ġewwa l-Mdina

09.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fir-rigward ta' l-għoti ta' l-offerta għas- servizz tal-knis ma sar ebda appell u għalhekk fil-ġranet li ġejjin ser jiġi ffirmat il-kuntratt il-ġdid.

## 09.4 Estimi Finanzjarji 2020- Approvazzjoni

09.4.1 IS- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-estimi finanzjarji għas-sena 2020 fejn l-allokazzjoni għal din is-sena ser tkun ta' € 251,803. Il-Kunsill approva dawn l-estimi.

## 09.5 Performance Bonus għas- Sena 2019 lis- Segretarju Ezekuttiv u Ħaddiema Klerikali

09.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-effiċjenza għas-sena 2019 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sinjur Mark Mallia. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv kien skuzat mil-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġà jidħol fil-kamra. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv illi l-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju

09.5.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2019 fir-rigward tal-impjegata tal-Kunsill, s-Sinjura C. Camilleri. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna C. Camilleri tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha.

09.5.3 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2019 fir-rigward tal-impjegat tal-Kunsill, s-Sur Francesco Scicluna. Il-Kunsill unanimament approva li jingħata performance bonus ta' 3% tas-salarju tagħha.

## 09.6 Korrispondenza u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

09.6.1 DLG Cirkulari 02/2020- Aċċess għad-Direttivi, Ċirkularitajiet, Memos u Noti

09.6.2 DLG Cirkulari 01/2020- Għeluq is- Sena Finanzjarja 2019

09.6.3 DLG- Direttiva 01/2020- Applowdjar tad- Dokumenti statutorji fuq il-Websajt

09.6.4 Ittra mingħand Compagnia San Michele- Proposta għal-sensiela ta' eventi b'rabta culutrali għal matul is-sena b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa magħhom biex jiddiskutu din l-inizjattiva.

09.6.5 Is- SE infurma lill-Kunsill li x-xogħolijiet ta' manutenzjoni ġewwa Casino Notabile bdew.

09.6.6 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-installazzjoni l-ġdida ta' Streaming u online demand tal-laqghat tal-Kunsill ser ssir nhar it- 28 ta' Jannar 2020.

09.6.7 Is- SE talab li jinxtara computer ġdid biex jinbidel ma li għandu. Il-Kunsill approva u s- SE intalab iġib tlett kwotazzjonijiet u jintgħazel l-irħas wieħed.

09.6.8 Is- SE talab lill-Kunsill li wasal iz-zmien li l-uffiċċju tal-Kunsill isirlu manutenzjoni u tisbieħ biex ikun hemm ambjent aħjar fl-uffiċċju kif ukoll ikun jista' jingħata servizz aħjar lill-Komunita'. Huwa qal li f' 25 sena ta' Kunsill, l-uffiċċju qatt ma sar xi xogħol ta' dan it-tip. Il-Kunsill approva u s- SE intalab jibda' l-proċess.

**09.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

09.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-20 ta' Jannar 2020, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 13,714.19

09.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Camille Scerri li kienet issekondata mill- Viċi Sindku Joe Debono. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**09.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

09.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.18pm u ġiet aġġornata għal-24 ta' Frar 2019 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________ | ____________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 24-02-2020________